# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 10 ta' Ottubru 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 214/2024 JPG**
**Kawza nru.: 28**

**AS**
**Vs**
**AC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AS datat 26 ta' April 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi il-partijiet izzewgu fil-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;*

2. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt datat is-16 ta' Gunju elfejn u sittax (16/6/2016) fl-atti tan-nutar Dottor Keith Caruana (Ara Dok B anness);*

3. *Illi ghalhekk il-partijiet ilhom separati ghal aktar minn seba' snin u m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom separati seba' snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni (klawsola 4) l-partijiet iddekadew definittivament mid-dritt illi jesigu manteniment minn ghand xulxin;*

5. *Illi ghalhekk ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment bejn il-partijiet;*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Intimata datata 14 ta' Gunju 2024, a fol 12., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti tikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom iktar minn seba' snin isseparati u li bejniethom m'hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni;*

2. *Illi effettivament l-esponenti taqbel ukoll illi bhala stat ta' fatt m' hemmx arretrati ta' manteniment, u ghalhekk m'ghandhiex oggezzjoni ghall-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur;*

3. *Illi finalment l-esponenti topponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

***adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Ottubru 2013 liema zwieg jgib certifikat numru 2653/2013 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Keith Calleja nhar is-16 ta' Gunju 2016 (Vide fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2653/2013 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**